MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 696/2008

**Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi u għal kull interess illi jista' jkollha HD Holdings Limited.**

**-vs-**

**James Galea Testaferrata, Camilla Scerri, Maria Galea Testaferrata, u Dr. Simon Galea Testaferrata.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fil-11 ta' Lulju, 2008 li permezz tiegħu l-atturi esponew bir-rispett:

1. Illi fil-11 ta' Awissu, 2004 l-intimat Mario Galea Testaferrata ottjena, fuq talba tiegħu, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 1456/04 fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata vs Ronald u Mariella konjuġi Azzopardi" (Dok. RA1).

2. Illi fit-13 ta' Awissu, 2004 l-intimat Mario Galea Testaferrata ottjena, fuq talba tiegħu, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ieħor din id-darba bin-numru 1471/04 fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata vs Ronald Azzopardi" (Dok. RA2).

3. Illi l-intimati huma ulied Mario Galea Testaferrata li miet fid-9 ta' Ġunju, 2008.

4. Illi kif jidher mill-atti ta' l-istess mandat il-kawżali għall-ħruġ ta' l-istess mandat hija somma li b'referenza għaliha diġa' sar l-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tal-25 ta' Frar, 2004. F'dan il-kuntratt ir-rikorrenti Mariella Azzopardi ma kinitx parti u għalhekk b'kuntratt ieħor tal-25 ta' Ġunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' *inter alia* r-rikorrenti Mariella Azzopardi rratifikat il-kuntratt tal-25 ta' Frar, 2004.

5. Illi dak illi l-intimat jonqos li jgħid fir-rikorsi ppreżentati minnu għall-ħruġ tal-mandati fuq imsemmija huwa li l-kreditu minnu pretiż, kemm-il darba huwa tassew dovut, huwa ben kawtelat diġa' – dan, fuq l-istess att pubbliku minnu ċitat tal-25 ta' Frar, 2004, u *cioe'* permezz ta' ipoteka speċjali (li hija elenkata bħala *first special hypothec*) fuq żewġ proprjetajiet sitwati fi Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex. *Oltre* dan, fuq att pubbliku ieħor magħmul fil-25 ta' Ġunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo, l-esponenti taw *in ulteriore* garanzija lill-intimat, ipoteka speċjali oħra (li hija wkoll elenkata bħala "*first special hypothec*" fuq il-fond 5/6, Howard Street, Sliema. Kopja tal-kuntratti huma annessi u esebiti fl-atti tal-mandati.

6. Illi l-valur kumplessiv ta' dawn il-proprjetajiet illi ġew mogħtija in garanzija lill-intimat, huma, kif jirriżulta mir-relazzjoni ta' l-AIC Anthony Cassar fl-atti tas-subbasta numru 115/2004 (kopja ta' liema hija hawn annessa bħala Dok. RA3) ta' €1,118,099.23 ekwivalenti għal Lm480,000.

7. Illi l-intimat huwa ferm aktar milli debitament kawtelat u kopert fil-pretenzjonijiet tiegħu, u fid-dawl ta' garanzija mmobiljari illi jgħaddu b'*ben* Lm120,000 l-ammont tal-kreditu pretiż, u għalhekk il-ħruġ tal-Mandati ta' Sekwestru huwa kjarament superfluwu, mhux meħtieġ, u għal kollox frivolu u vessatorju. L-intimat kien *gia' oltre* minn debitament kopert u kien jaf *ben* tajjeb illi l-Mandati minnu mitluba ma kinux sejrin jagħmlu xejn effettiv biex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk dawn il-Mandati kienu kjarament intiżi biss (dati wkoll is-sekwestratarji magħżula mill-intimat) biex jivvessaw, jumiljaw u jimbarazzaw lir-rikorrenti. Dan hu abbuż ċar u manifest tal-provvedimenti tal-liġi ntiżi biex jipproteġu u jkopru l-kreditur imma mhux biex jivvessaw lid-debitur meta dan ikun *gia'* kopra *oltre* minn biżżejjed id-debitu relattiv.

8. Illi l-intimat, meta aċċetta l-ipoteki fuq l-immobbli fuq imsemmija, diġa' aċċetta tali garanziji ipotekarji biex jagħmlu tajjeb għall-ammont speċifiku li qiegħed jippretendi. Illi sakemm il-kreditu pretiż mill-intimat huwa *ben* tajjeb kawtelat mill-ipoteki speċjali, ma hemmx ħtieġa li jibqgħu *in vigore* l-mandati fuq imsemmija, li jiġu superfluwi.

9. Illi fid-dawl ta' dan kollu fuq premess, l-esponenti jissottometti li l-intimati għandhom biżżejjed beni immobbli sabiex jesegwixxu l-kuntratti fuq imsemmija, kemm-il darba dawn huma kuntratti validi u l-ammonti mitluba tassew dovuti. Tabilħaqq l-intimati beda proċeduri b'subbasta fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata vs Ronald Azzopardi et" (Subbasta numru 115/2004). Għalhekk il-Mandati *de quo* għandhom jiġu revokati *ai termini* ta' l-Artiklu 283A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitlu 12).

10. Illi *inoltre* u mingħajr preġudizzju għal premess, jiġi rilevat illi parti mis-somma tas-*sorte* li qed tiġi kawtelata minn Mario Galea Testaferrata tirrappreżenta imgħax li jmur *oltre* it-tmienja fil-mija (8%) fis-sena. Dan hu bi ksur kemm tad-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 1982 u 1853 tal-Kodiċi Ċivili li jillimitaw l-imgħax li kreditur jista' jitlob mingħand debitur f'każ ta' self, u

jipprovdu wkoll għar-rexxissjoni ta' l-obbligazzjoni, kif ukoll kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 298C tal-Kodiċi Kriminali li jagħmel l-użura reat kriminali.

11. *Inoltre* u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirrileva li Mario Galea Testaferrata kien jislef flus lill-esponenti b'mod regolari. Dan l-aġir imur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Istutuzzjonijiet Finanzjarji (Kapitlu 376) u in partikolari kontra l-Artiklu 3 ta' l-istess u l-Artiklu 22 (1) ta' l-istess att li jipprovdi li dan l-aġir jikkostitwixxi reat. Għalhekk l-obbligazzjoni ta' self fiha nnifisha għandha kawża lleċita u għalhekk ma tistax tkun kawtelata.

12. Tabilħaqq l-esponenti Ronald Azzopardi *gia'* ppreżenta kawża sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara *inter alia* li l-ammonti koperti bl-atti notarili fuq imsemmija li ġew reżi titoli eżekuttivi bħala mhux dovuti minħabba kawża lleċita u sussidjarjament tirriduċi l-ammonti tassew dovuti minħabba li l-imsemmija ammonti oġġett ta' l-istess kuntratti pubbliċi jikkomprendu fi kwalunkwe każ imgħax *oltre* dak permissibbli mil-liġi imgħax – ara kawża fl-ismijiet "Ronald Azzopardi et vs Mario Galea Testaferrata" (Ċit. Nru. 57/2005 AF). Dawn il-proċeduri huma mingħajr preġudizzju u b'żieda mal-proċeduri taċ-ċitazzjoni fl-ismijiet "Ronald Azzopardi et vs Mario Galea Testaferrata" (Ċit. Nru. 57/2005 AF).

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jagħmel referenza għall-Artiklu 283A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

(a) tħassar u tirrevoka l-Mandati ta' Sekwestru Numri 1456/04 u 1471/04 rispettivament fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata vs Ronald u Mariella konjuġi Azzopardi" u "Maria Galea Testaferrata vs Ronald Azzopardi" in kwantu hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' l-intimat, il-ħruġ tal-mandati huwa frivolu u vessatorju u *inoltre* huwa nġustifikabbli u rraġonevoli li l-istess Mandati jinżammu *in vigore*, u dan għar-raġunijiet dettaljatament fuq premessi; u

(b) tagħti kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Salv kull dritt ieħor spettanti lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti, ippreżentata fit-23 ta’ Lulju, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

Illi mir-rikors promotur jirriżulta li r-rikorrenti qed jittentaw iħassru żewġ mandati eżekuttivi maħruġa minn missier l-esponenti, Mario Galea Testaferrata, li għadu kif miet fid-9 ta’ Ġunju, 2008, kif *daltronde* jirrikonoxxu l-istess rikorrenti;

Illi l-azzjoni hija diretta kontra l-esponenti, evidentement fuq assunzjoni tar-rikorrenti li l-esponenti huma wkoll l-eredi ta’ Mario Galea Testaferrata. Pero’ din hi appuntu mera assunzjoni *stante* li r-riċerka testamentarja għadha m’hijiex kompluta, u kwindi f’dan l-istadju assolutament ma jistax jingħad illi l-esponenti huma werrieta ta’ Mario Galea Testaferrata;

Illi għalhekk *in linea* preliminari, dan ir-rikors, intavolat kif inhu kontra l-eredi presunti, huwa kjarament intempestiv u a dirittura monk, *stante* li legalment l-esponenti m’humiex l-*aventi causa* ta’ l-imsemmi Mario Galea Testaferrata, u għalhekk it-talbiet odjerni għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;

Illi fil-mertu – u mingħajr preġudizzju għas-suespost – assolutament mhux il-każ il l-kreditu ta’ Mario Galea Testaferrata huwa *ben* kawtelat, u dan għar-raġunijiet segwenti:-

1. l-istimi tal-perit nominat fl-atti tas-subbasta huma ferm ogħla mill-valur li għandha kull proprjeta’;

2. huwa risaput li meta proprjeta’ tinbiegħ b’subbasta din dejjem tinbiegħ inqas milli kieku nbiegħet fis-suq liberu;

3. il-valutazzjoni saret meta l-proprjetajiet kienu għadhom fi stat tajjeb u użati, u mhux abbandunati kif inhuma llum;

4. *in ogni caso* l-proprjetajiet kollha huma ipotekati wkoll favur diversi kredituri oħra ta' Ronald Azzopardi u/jew tal-kumpaniji tiegħu;

5. il-kredituri ta' Lm360,000 favur Mario Galea Testaferrata *ormai* jeċċedi Lm480,000 (€1,118,099), u għaldaqstant ir-rikorrenti qed jiżvijaw il-Qorti meta jgħidu li l-kreditu huwa *ben* kawtelat;

6. Mario Galea Testaferrata qatt ma rnexxielu jsarraf dawn l-ipoteki, u sa llum dawn l-ipoteki ma jistgħux jiġu utilizzati, primarjament minħabba l-azzjoni ta' l-istess rikorrenti li biha ġiet sospiża s-subbasta li kellha ssir;

7. Preżentement l-ipoteki fuq dawn il-proprjetajiet jinsabu a dirittura attakkati – ħaġa li r-rikorrenti konvenjentement insew jgħidu – b'azzjoni ntavolata minn kreditur ieħor fuq allegazzjoni li dawn ġew ottjenuti bi frodi!;

Illi lanqas m'hu l-każ li Mario Galea Testaferrata kien kuntent bl-ipoteki fuq dawn l-immobbli. Huwa kien talab aktar bħala garanzija, iżda kien tard wisq. A dirittura meta ngħatat l-ipoteka fuq il-fond ġewwa tas-Sliema bl-att tan-Nutar Marco Burlo' f'Ġunju 2004, il-ftehim kien li fuq l-att isir pagament ta' Lm50,000, u dan biex l-ipoteki jkunu aktar qrib il-kreditu. Iċ-*cheque* baqa' ma ssarrafx għaliex ġie *referred to drawer*;

Illi l-konjuġi Azzopardi (u s-soċjetajiet relatati), huwa *ormai* magħruf, għandhom diversi djun li komplessivament jeċċedu diversi miljuni ta' Ewro (u ta' Liri Maltin), kif *daltronde* jixhdu diversi kawżi ntavolati kontra tagħhom;

Illi minkejja li għaddew diversi snin, u minkejja li huwa ammess (a dirittura fil-kawża li biha qed jittenta jwaqqa' l-kreditu, kif ukoll f'dan ir-rikors odjern) li Azzopardi ssellef

flus mingħand Mario Galea Testaferrata, huwa qatt ma rrifonda xejn;

Illi kif jirriżulta minn diversi atti, korrispondenzi u dokumenti esebiti anke fil-kawżi li għalihom saret referenza aktar ’il fuq, it-*track record* ta’ Azzopardi hija pessima. Ta’ min jgħid biss illi huwa dejjem wiegħed li ser iħallas iżda qatt ma ħallas xejn – lanqas dik is-somma li skond hu hija dovuta;

Illi minħabba dan kollu Mario Galea Testaferrata kellu jieħu kull azzjoni immaġinabbli sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu – kompriżi l-mandati ta’ sekwestru li r-rikorrenti qed jittentaw iħassru b’dan ir-rikors;

Illi sal-lum il-pożizzjoni għadha ma tbiddlitx – anzi aggravat ruħha kaġun ta’ l-imgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital, u l-ħsarat fl-immobbli – u allura dawn il-mandati, bħal kull azzjoni oħra, għadhom meħtieġa, u ċertament ma jistax jingħad, speċjalment minn min bħal Ronald Azzopardi ma ħallas xejn mid-debitu tiegħu, li dawn il-mandati huma superfluwi u vessatorji;

Illi għalhekk ma teżisti assolutament ebda raġuni valida għalfejn dawn il-mandati għandhom jiġu mħassra jew revokati, u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jibbażaw it-talba tagħhom biex jiġi revokat il-mandat fil-konfront tagħhom minħabba diversi raġunijiet, iżda prinċipalment għaliex qed isostnu li l-kreditu li kellu Mario Galea Testaferrata (illum mejjet) huwa garantit permezz ta’ ipoteki speċjali fuq proprjetajiet tagħhom.

Għandu jingħad illi dawn il-proċeduri huma ta’ natura sommarji u għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi fuq dak li

jidhrilha *prima facie* mingħajr ma tidħol f'wisq dettall dwar il-vertenza li jkun hemm bejn il-partijiet. Għalhekk fil-każ in eżami jidher ċar għall-Qorti li r-rikorrenti għalkemm indikaw li l-eredi presunti tal-mejjet (hawn għandu jingħad li ma saritx prova konkreta ta' min huma l-eredi) għandhom favur tagħhom żewġ ipoteki li *ictu oculi* l-valur tagħhom jeċċedi l-istess kreditu u dan a bażi ta' l-istima li għamel il-perit Anthony Cassar fl-atti tas-subbasta ma ssodisfawx lill-Qorti li b'daqshekk il-kreditu huwa żgur kopert, u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali.

L-ewwelnett ma huwiex ċar jekk qabel il-kredituri odjerni jeżistux oħrajn li jista' jkollhom ipoteki speċjali jew a dirittura privileġġi li jrendu l-garanzija li għandhom l-intimati f'dawn il-proċeduri inqas soda, u din il-prova kellhom jagħmluha r-rikorrenti billi jesebixxu r-riċerki uffiċċjali tagħhom. *Oltre* dan ma hemm ebda garanzija li l-bejgħ ta' l-istess proprjetajiet fis-subbasta tista' ġġib il-prezz indikat mill-perit. Għalhekk il-Qorti ma tarax li għandha tilqa' t-talbiet quddiemha.

Kwantu għall-allegazzjonijiet ta' nullita' tas-self din hija materja profonda ħafna iktar u mhux lok li tiġi deliberata fi stadju ta' proċedura sommarja u li fiha l-Qorti trid teżamina t-talba biss *prima facie* bħal dik odjerna.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż jitħallsu jitħallsu mill-istess rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------